**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' 2016 li saret nhar it-Tnejn 4 t'April 2016 fis-6 ta' filgħaxija fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali, Triq iż-Żurrieq, il-Qrendi u spiċċat fit-8 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Membri tal-Pubbliku Preżenti:**

Il-formola tal-attendenza tinsab annessa ma' dawn l-istess Minuti.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' 2015 ġew moqrija.

1.2 Is-Sindku David Schembri ppropona li dawn il-Minuti għandhom jiġu approvati.

1.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

2. **RAPPORT ANNWALI MIS-SINDKU**

2.1 Is-Sindku David Schembri qal li r-rapport annwali tiegħu jinkorpora s-sena 2015 kollha, kif ukoll l-ewwel tliet xhur tas-sena 2016.

2.2 Beda billi faħħar lis-Soċjeta' Mużikali Santa Marija u lis-Soċjeta' Filarmonika Lourdes għas-suċċessi li kisbu fis-sena 2015 fil-qasam pirotekniku bir-rebħ ta' kompetizzjonijiet nazzjonali u internazzjonali, kif ukoll lill-Qrendi Scout Group għall-20 sena anniversarju mit-twaqqif tagħhom.

2.3 Is-Sindku qal li fl-aspett infrastrutturali saru diversi toroq fil-lokalita', fosthom Triq is-Siġġiewi kif ukoll parti minn Triq Misraħ is-Sinjura, liema toroq saru minn Transport Malta.

2.3.1 B'diżappunt imma rrimarka li Triq San Niklaw u nofs parti minn Triq Misraħ is-Sinjura baqgħu ma sarux.

2.4 Is-Sindku tkellem dwar il-ħidma li saret fiż-żona ta' Wied iż-Żurrieq u qal li permezz t'għajnuna tal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu kif ukoll id-Dipartiment tax-Xogħolijiet, saru l-moll tad-Dikkiena u r-*railing*.

2.4.1 Fakkar li fil-preżent qiegħed isir tindif mill-*Cleansing Services*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*Department* fiż-żona ta' Wied iż-Żurrieq, u dan it-tindif qiegħed isir ta' kuljum.

2.5 Is-Sindku tkellem dwar ir-restawr li sar fil-lokalita tal-Qrendi matul l-2015, u qal li matul din is-sena tlesta r-restawr tal-istatwi fuq pedestall kollha li jinsabu fir-raħal tal-Qrendi, xogħol li sar bl-għajnuna tar-*Restoration Unit*.

2.5.1 Żied li apparti dan ir-restawr, sar ir-restawr ukoll taċ-Ċimiterju tal-Ars, liema restawr sar grazzi għall-ħaddiema tal-IPSL, kif ukoll grazzi għad-Dipartiment tax-Xogħolijiet, filwaqt li t-tisbiħ sar mill-*Environmental Landscapes Consortium Ltd*.

2.5.2 Permezz tal-għajnuna tad-Dipartiment għax-Xogħolijiet sar restawr ukoll ta' wieħed mill-bibien tal-Ġnien tal-Kmand, fejn kellhom jiġu rranġati xi ġebel u jsir bieb ġdid sabiex ma jkunx hemm periklu għall-ħaddiema u għall-pubbliku inġenerali.

2.6 Is-Sindku tkellem dwar korsijiet li ġew provduti mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi matul l-2015, u korsijiet li kienu għadhom għaddejjin fil-preżent.

2.6.1 Qal li permezz tal-iskema tat-Tagħlim Tul il-Ħajja, saru l-korsijiet tal-Bizzilla, Monasteru, kif ukoll l-*After School Programme* mal-istudenti tal-iskola primarja tal-Qrendi.

2.7 Is-Sindku tkellem dwar fondi li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi bbenefika permezz tal-GAL Xlokk, li permezz tagħhom seta' jtella' l-attivita' kulturali *Passa ai Tempi*.

2.7.1 Qal ukoll li permezz ta' fondi taħt Miżura 413.A5, il-Kunsill Lokali għamel xogħol ta' tindif u tisbiħ f'żoni rurali madwara il-lokalita'.

2.8 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 313 u qal li din il-Miżura issa hija magħluqa u x-xogħol li kellu jsir mill-Kunsill Lokali sar kollu.

2.8.1 Qal li minbarra l-bankina li saret minn parti minn Triq San Mattew sa Triq Ħaġar Qim, saru wkoll *leaflets* b'*heritage trails* madwar il-Qrendi, sar ktieb li ġie varat fis-serata ta' Ġieħ il-Qrendi 2015, kif ukoll ġie installat *totem kiosk* fi Triq Rokku Buhagiar, quddiem il-Knisja

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Parrokjali.

2.9 Is-Sindku tkellem dwar applikazzjonijiet li saru mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi u li bħalissa jinsabu quddiem il-MEPA.

2.9.1 Qal li dawn l-applikazzjonijiet jinkludu t-tisbiħ ta' Triq Sant'Anna, Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena, kif ukoll iż-żona ta' bejn il-'ponta' u l-'ponot' f'Wied iż-Żurrieq.

2.10 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett *Art in Open Spaces* u qal li għalkemm il-Kunsill Lokali applika, u fil-fatt kellu żewġ applikazzjonijiet, sfortunatament l-ebda waħda ma ġiet magħżula finalment u allura ma rnexxiliex nakkwistaw fondi sabiex insebbħu r-*roundabout* prinċipali tal-lokal.

2.10.1 Qal li dan ma jaqtgħalniex qalbna, u xorta waħda l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed ifittex rimedji u metodi oħra kif jista' jikseb għajnuna sabiex din ir-*roundabout* tissebbaħ.

2.11 Is-Sindku tkellem dwar l-installazzjoni ta' ATM fil-lokalita' u qal li fil-preżent ninsabu fid-diskussjonijiet finali, kemm mal-Bank BOV kif ukoll fis-sottomissjoni tal-applikazzjoni, u qegħdin nittamaw li sa tmiem l-2016 ix-xogħol fuqha jkun inbeda.

2.12 Is-Sindku tkellem dwar il-ħidma li twettqet matul is-sena kemm mas-Soċjetajiet Mużikali kif ukoll mal-Parroċċa tal-Qrendi.

2.12.1 Qal li permezz ta' din il-ħidma l-Kunsill Lokali qiegħed iżomm attiv fil-ħajja soċjali tal-lokalita' u l-ħsieb hu li din ir-relazzjoni b'saħħitha li teżisti tkompli tissaħħaħ.

2.13 Is-Sindku tkellem dwar il-librerija pubblika u qal li l-Kunsill Lokali għandu għal qalbu ħafna l-edukazzjoni tal-poplu.

2.13.1 Spjega kif matul l-2015 il-Kunsill Lokali nvesta €1,200 f'kotba ġodda, u qal li dawn waslu b'€600 għajnuna mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u €600 oħra li ħariġhom l-istess Kunsill Lokali.

2.14 Is-Sindku tkellem dwar is-sena 2018, meta l-Belt Valletta se tkun il-Belt

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Kapitali Ewropea tal-Kultura.

2.14.1 Qal li bħala lokalita' aħna qegħdin nieħdu sehem, fejn flimkien mal-belt ta' Leeuwarden fl-Olanda, qegħdin nagħmlu skambju ta' poeżiji permezz tal-proġett *Poetry in Potato Sacks*.

2.15 Is-Sindku tkellem dwar l-ambjent u qal li fl-aħħar xhur il-Kunsill Lokali għamel afforestazzjoni madwar il-lokalita' fejn ġew imħawla diversi siġar, l-aktar minn studenti Ġappuniżi li kienu qegħdin jistudjaw f'pajjiżna.

2.16 Is-Sindku tkellem ukoll dwar kemm il-Kunsill Lokali qiegħed jippromwovi lil raħalna f'kull mezz ta' xandir, kemm dak printjat, viżiv u anke li wieħed jista' jisma'.

2.16.1 Qal li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi kien attiv ħafna f'kull qasam tal-midja, permezz t'artikli f'magażins, *features* fuq l-aħbarijiet u programmi oħra fuq it-televiżjoni, kif ukoll programmi diversi fuq ir-radju.

## 3. RAPPORT FINANZJARJU MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq ir-rapport finanzjarju fejn fih elenka kif tqassam il-baġit għas-sena 2016 u kif il-Kunsill Lokali mar fis-sena 2015.

3.2 Jekk nagħtu ħarsa lejn il-baġit tas-sena 2016 wieħed jista' jinnota li mill-allokazzjoni finanzjarja, l-Kunsill Lokali se jirċievi s-somma ta' €334,644. Barra minn hekk il-Kunsill Lokali qiegħed jipprevedi li jdaħħal ammonti oħra ta' flus kif ġej:

- **Permessi/Avviżi u LESA** - €4,000
- ***UIF Funds*** - €1,000
- **Fondi mir-Reġjun tan-Nofsinhar** - €4,000

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

- **Skema Libreriji** - €600
- **Skema Attivita' Kulturali** - €5,000
- ***Landfill Tipping Fees*** - €1,000

3.3 Dan kollu jammonta għal dħul addizzjonali ta' €15,600

Mill-previżjonijiet għas-sena 2016, jidher li l-Kunsill se jagħmel nefqa kif ġej:

- **Parki, Ġonna u *Soft Areas*** - €14,000
- **Manutenzjoni ta' Toroq** - €122,000
- **Immaniġjar tal-Iskart** - €30,500
- **Nefqa għall-Amministrazzjoni** - €97,000
- **Fond għall-Aġġustament** - €74,000
- ***Tipping Fees*** - €12,788

3.4 Dan kollu jammonta għal nefqa ta' €350,288

Għaldaqstant jidher li matul l-2016 il-Kunsill Lokali mistenni jdaħħal €350,244 u jonfoq €350,288. Dan ifisser li se jkun hemm żbilanċ ta' -€44.

3.5 Mill-previżjonijiet tal-Kunsill Lokali jidher ċar li l-akbar sors ta' ħruġ se jkun fuq tliet setturi importanti ħafna li huma: Manutenzjoni ta' Toroq, Immaniġjar tal-Iskart kif ukoll in-Nefqa għall-Amministrazzjoni.

i. Dwar il-ħruġ għall-Manutenzjoni ta' Toroq, il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed joħroġ 10% oħra mill-ispiża totali tal-*Public Private Partnership* biex ingħata wiċċ ġdid ta' tarmak fi Triq San Mattew (parti) u Triq Ħaġar Qim. Bil-mod il-mod qegħdin noqorbu lejn it-8 snin ta' dan il-ħlas, fejn ikun ifisser li nkunu ħallasna l-pagamenti kollha mistennija. Għaldaqstant, fl-2016 se nkunu qegħdin inkomplu nirkupraw mill-aspett finanzjarju fuq din is-sezzjoni u għalhekk se nkunu nistgħu nidħlu għall-proġett tat-tlestija ta' Triq il-15 t'Awwissu, fejn ix-xogħol mistenni jibda fil-ġimgħat li ġejjin.

ii. L-Immaniġġjar tal-Iskart huwa settur li l-Kunsill Lokali għandu ħafna għal qalbu u dan sabiex il-Qrendi jkun wieħed mill-aqwa rħula ta' pajjiżna fejn jidħol l-immaniġġjar tal-iskart. Jidher li għalkemm il-Kunsill Lokali qiegħed jagħmel dak kollu possibbli sabiex ir-raħal ikun miżmum nadif ħafna, għad hemm nies li b'nuqqa ta' responsabilita' jaqbdu u joħorġu l-iskart tagħhom barra f'ħinijiet u ġranet fejn mhuwiex suppost.

Għal sena oħra l-Kunsill Lokali jrid jonfoq b'kawtela u ħsieb, dejjem bil-ħsieb li xi darba jibda l-bini taċ-ċentru amministrattiv ġdid, li donnu aktra kemm qegħdin jgħaddu s-snin, qiegħed jidher bħala ħolma li qatt mhi se sseħħ.

## 4. <u>IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FI TRIQ IT-TEMPESTA</u>

4.1 Is-Sindku David Schembri qal li kellna u għad għandna diversi problemi tat-traffiku fi Triq it-Tempesta.

4.2 Qal li l-Kunsill Lokali ilu għal madwar 18-il xahar jistudja s-sitwazzjoni u fil-fatt qegħdin nippruvaw li b'ġebla waħda nolqtu żewġ għasafar, billi jirnexxilna nsolvu żewġ problemi: dik tas-sewqan eċċessiv u kif iduru l-karozzi fil-*bypass* tal-Qrendi.

4.3 Fisser kif fl-aħħar snin kellna diversi inċidenti f'din it-triq, fejn sfortunatament kien hemm minnhom li kienu anke fatali, u oħrajn li kienu gravi.

4.4 Spjega li dan iwassal lill-Kunsill Lokali sabiex jieħu ħsieb żewġ żoni importanti f'din it-triq.

4.5 Qal li l-Kunsill Lokali diġa' prova jagħmel *speed cameras* fil-*bypass* tal-Qrendi, liema talba ma ġietx milqugħa minn Transport Malta minħabba li ma jgħaddux biżżejjed karozzi minn din it-triq sabiex l-i*speed camera* tkun sostenibbli.

4.6 Żied li wara li din it-talba ma kenitx milqugħa, tlabna wkoll li jsiru *belisha lights*, imma din il-proposta wkoll ma kenitx milqugħa minħabba

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

li fejn xtaqna li jsiru ma kienx hemm bankina fuq iż-żewġ naħat tat-triq.

4.7 Qal li l-ħsieb tal-Kunsill Lokali dejjem hu li jnaqqas l-veloċita' eċċessiva tal-karozzi, kif ukoll jekk huwa possibbli jiddevja t-traffiku b'xi mod jew ieħor sabiex jonqsu l-inċidenti.

4.8 Fisser kif kien għalhekk li fl-aħħar jiem il-Kunsill Lokali bagħat ittra fid-djar tan-nies sabiex jevalwa l-possibilta' li ssir *roundabout* oħra fi Triq it-Tempesta k/ma' Triq Antonio Chircop u Triq il-Fulija, u dan sabiex b'xi mod titnaqqas il-veloċita' tal-karozzi.

## 5. <u>SUĠĠERIMENTI U ILMENTI MILL-PUBBLIKU</u>

5.1 Is-Sindku David Schembri stieden lir-residenti preżenti sabiex jgħaddu s-suġġerimenti u l-ilmenti tagħhom.

5.2 Resident tkellem dwar is-sitwazzjoni li tinsab fi Triq it-Tempesta k/ma' Triq iż-Żurrieq u qal li pjuttost hemm aktar bżonn li ssir *roundabout* hemmhekk milli fejn qiegħed jipproponi l-Kunsill Lokali.

5.2.1 Is-Sindku wieġeb li bħala Kunsill Lokali qegħdin nippruvaw naħdmu fuq din iż-żona wkoll, imma sabiex issir *roundabout* hemmhekk ukoll, se jkollna bżonn l-għajnuna tal-Gvern Ċentrali minħabba li trid issir l-espropriazzjoni ta' biċċa art privata.

5.3 Residenta oħra qalet li magħha ġabet petizzjoni iffirmata u bdiet tisħaq li għandha informazzjoni li madwar 95% tar-residenti ta' Triq it-Tempesta ma jridux li ssir ir-*roundabout* kif proposta mill-Kunsill Lokali, imma jriduha li ssir kantuniera ma' Triq iż-Żurrieq.

5.3.1 Ipproponiet li minflok issir ir-*roundabout*, għandhom isiru strippi f'nofs il-*bypass* u rreferiet lill-Kunsill Lokali sabiex iħares lejn xi ħaġa simili kif hemm fi Blue Grotto Avenue, iż-Żurrieq.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.3.2 Resident ieħor qal li probabbli, għalkemm l-idea tar-*roundabout* tista' taħdem, xorta waħda jidher li l-Kunsill Lokali qiegħed jinsa' Triq il-Fulija u qal li se tkun diffiċli biex wieħed joħroġ bil-karozza minn din it-triq.

5.3.3 Għaldaqstant ippropona li minflok issir ir-*roundabout* issir biċċa mit-triq *pedestrianised*, u dan sabiex it-triq ma tibqax daqshekk twila u li ma tagħtix ċans lil dak li jkun qiegħed isuq sabiex itella' ħafna veloċita'.

5.3.4 Is-Sindku għadda sabiex iressaq proposta li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand il-Perit Darren Gatt, fejn qal li dan il-Perit ippropona li jsiru *plastic poles* fi Triq Antonio Chircop, faċċata tal-Monument tal-Ħajja u ż-Żgħożija.

5.3.5 Qal li probabilment din l-idea xorta waħda ma taħdimx minħabba li dawn il-*plastic poles* ma jkunux b'saħħithom biżżejjed u malli jintlaqtu minn karozza jispiċċaw jinqalgħu.

5.3.6 Is-Sindku ressaq ukoll proposta li ġiet ippreżentata lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi minn Transport Malta, u qal li l-proposta ta' TM tista' tkun probelmatika minħabba lir-*rubble strips* jagħmlu l-istorbju xħin jgħaddu l-karozzi minn fuqhom, u dawn żgur se jkunu t'inkonvenjent fix-xhur tas-sajf.

5.3.7 Resident staqsa jekk tistax issir il-proposta ta' TM mingħajr ma jsiru r-*rubble strips*, imma s-Sindku wieġeb li jekk dawn ma jsirux xorta waħda mhux se titnaqqas il-veloċita' eċċessiva tas-sewwieqa.

5.4 Resident tkellem dwar il-preżenza tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi fuq *Facebook* u qal li dan qiegħed jitmexxa tajjeb ħafna u l-Kunsill Lokali qiegħed ikun trasparenti f'dak kollu li jagħmel.

5.5 Dan l-istess resident tkellem ukoll dwar l-indafa inġenerali tal-lokal u qal li għalkemm dejjem ikun hemm lok għal titjib, żgur ma nistgħux ngħidu li r-raħal tal-Qrendi huwa maħmuġ, imma sfortunatament hemm min għadu jiġi jaqa' u jqum u jaqbad u jħammeġ fejn ġie ġie.

5.5.1 Għal dan il-kumment is-Sindku wieġeb li fl-aħħar xhur il-Kunsill Lokali ġabar madwar 165 tunnellata ta' skart minn Triq il-Karwija u Triq il-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Providenza.

5.5.2 Qal li l-Kunsill Lokali qiegħed jagħmel dak kollu possibbli sabiex in-nies ikunu dejjem moqdija aħjar, tant li anke l-ġbir tal-iskart goff qiegħed isir fuq jumejn minflok fuq ġurnata waħda.

5.6 Ir-resident tkellem ukoll dwar Triq is-Siġġiewi, u filwaqt li rringrazzja lill-Kunsill Lokali li permezz tal-ħidma tiegħu din it-triq fl-aħħar saret mill-ġdid, qal li filgħaxija qiegħed ikun hemm problema ta' dawl, minħabba li d-dawl jinsab biss fuq in-naħa li tagħmel mas-Siġġiewi, imma fuq in-naħa li tagħmel mal-Qrendi kullimkien dlam ċappa.

5.6.1 Is-Sindku wieġeb li din it-triq pjuttost hija aktar sigura billejl minflok matul il-ġurnata, u dan minħabba li t-triq isserrep u allura billejl tkun tista' tara li ġejja karozza minħabba li jkollha d-dawl jixgħel.

5.6.2 Barra minn hekk spjega kif l-ewwel priorita' tal-Kunsill Lokali hi li jdaħħal dwal ġodda fil-parti urbana tal-lokalita', imbagħad, ġaladarba din tkun lesta, jiffoka aktar fuq iż-żona rurali.

5.6.3 Qal li għandna problema ta' sewqanj eċċessiv b'mod speċjali filgħodu, u l-Kunsill Lokali diġa' qiegħed jevalwa possibiltajiet diversi sabiex dan is-sewqan żejjed jitnaqqas.

5.7 L-istess resident tkellem ukoll dwar Valletta18 u qal li fl-2018 il-Parroċċa tal-Qrendi se tkun qiegħda tagħlaq 400 sena u staqsa jekk huwiex possibbli li bħala lokalita' tkun organizzata attivita' li tkun parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' V18.

5.7.1 Dwar dan il-punt is-Sindku kkummenta li bħala Kunsill Lokali qegħdin naħdmu mill-qrib mal-organizzaturi sabiex inġibu lill-Qrendi aktar 'il quddiem.

5.7.2 Qal li minbarra fuq bażi lokali u nazzjonali, qegħdin anke nesploraw kif nistgħu niftħu fix-xena internazzjonali speċjalment waqt il-Festival Agrarju tal-Patata 2018.

5.8 L-istess resident tkellem dwar iċ-Ċentru tas-Saħħa u qal li s'issa, kulmin ikun irid jinqeda, qiegħed ikollu jmur sal-Floriana.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.8.1 Staqsa jekk huwiex possibbli li r-residenti Qrendin ikunu jistgħu jmorru saċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid, jew inkella jsir Ċentru tas-Saħħa ġdid f'Ħal Luqa, f'lokalita' li tintlaħaq żgur bil-karozzi tal-linja.

5.8.2 Is-Sindku wieġeb li dwar dan għaddejjin xi diskussjonijiet għaliex jidher li se jinfetaħ Ċentru tas-Saħħa f'Ħal Kirkop, u dan sabiex jaqdi l-bżonnijiet ta' dawk li jgħixu fl-irħula tagħna u ġirien tagħna.

5.8.3 Semma' wkoll il-fatt li meta tinbena l-Berġa l-ġdida fil-lokalita' tagħna, din għandha tkun aċċessibbli għal kulħadd u tkun tista' taqdi l-funzjonijiet tagħha ħafn'aħjar minn dak li qiegħed isir illum.

5.8.4 Żied li meta tinbena l-Berġa l-ġdida, il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jaħdem sabiex anke jibda jittieħed id-demm lil dawk li jkollhom bżonn fi ġranet speċifiċi.

5.9 Residenta preżenti semmiet is-sitwazzjoni ta' Triq il-Warda int u ħiereġ għal Triq it-Tempesta.

5.9.1 Qalet li din il-parti tat-triq qiegħda perikoluża minħabba li fuq naħa waħda hemm il-*bus shelter*, filwaqt li fuq in-naħa l-oħra hemm is-siġar tal-oleander li minħabba li huma miżbura b'ċertu mod u manjiera, ikollok toħroġ ftit mhux ħażin 'il barra fit-triq, bil-konsegwenza li tista' tintlaqat minn dawk li jkunu ġejjin mill-*bypass*.

5.9.2 Is-Sindku wieġeb li sabiex tiġi indirizzata din il-problema diġa' saru żewġ mirja fi Triq it-Tempesta faċċata ta' Triq il-Warda, u kif ukoll għadna qegħdin nistennew lil Transport Malta sabiex tibdel il-*bus shelter* f'wieħed aktar modern u trasparenti li żgur jagħmilha aktar faċli biex wieħed jara jekk ikunux ġejjin karozzi jew le.

5.10 Resident ieħor staqsa jekk Triq l-Imqabba tistax titwessa', b'mod speċjali l-parti li tagħti għaż-Żurrieq.

5.10.1 Qal li jekk kemm-il darba din it-triq titwessa' ssolvi parti kbira mill-problema tat-traffiku bejn iż-Żurrieq u l-Qrendi.

5.10.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali jista' jikkunsidra dan is-suġġeriment

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

għalkemm mhijiex se tkun faċli minħabba li trid tinxtara l-art mill-Gvern Ċentrali.

5.11 Residenta semmiet kif hemm sinjali tat-traffiku li pjuttost jinsabu moħbija wara l-friegħi tas-siġar u staqsiet jekk tistax issir żabra sabiex dawn is-sinjali jkunu jidhru ċari.

5.11.1 Is-Sindku wieġeb li jkun tajjeb jekk dawn is-sinjali jiġu identifkati sabiex issir żabra fil-jiem li ġejjin.

5.12 Resident staqsa għaliex ma jsirux is-sinjali sofor mal-kantunieri kollha li hawn fil-Qrendi.

5.12.1 Is-Sindku qal li ma jsirux madwar il-lokalita' kollha għal żewġ raġunijiet: l-ewwel nett tiġi spiża kbira lill-Kunsill Lokali biex il-kantunieri kollha tal-Qrendi jkunu miżbugħa, u dan mhux biss għall-ewwel żebgħa, imma biex din tiġi rinfreskata kultant żmien.

5.12.2 It-tieni punt li semma' s-Sindku kien li jekk isiru dawn is-sinjali, dawn ma jistgħux ikunu inqas minn ħames metri minn kull kantuniera u allura se nkunu qegħdin innaqqsu l-parkeġġi, f'sitwazzjoni li diġa' qiegħda tkun diffiċli biex residenti jsibu jipparkjaw f'ċertu akwati.

5.13 Fl-aħħar nett is-Sindku rringrazzja lil dawk kollha li attendew għal din il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' u qal li l-Kunsill Lokali ħa nota tas-suġġerimenti u l-ilmenti kollha li ġew mgħoddija matul il-laqgħa sabiex fejn ikun possibbli, tkun tista' tittieħed azzjoni fuqhom.

**Il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' ntemmet fit-8 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata *sine die*.**

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |